1.3 Minbarra l-ħtieġa ta' għarfien tekniku, il-kandidat prospettiv għandu jkollu livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni, għarfien ta' sistemi u arkitetturi tal-kompjuter, u għarfien tas-Sistema ta' Ġestjoni tad-Database (DBMS), esperjenza b'databases, networks (LAN, WAN) u patch management, u għarfien tal-proċeduri tas-sigurtà tas-sistema tal-kompjuter (eż. sistemi ta' detezzjoni ta' intrużjoni) u backup tad-dejta.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn 2017-2022, il-grad ta' Uffiċjal Anzjan tal-ICT jaqa' fl-iskala tas-salarju tnejn (2) u jibda minn €28,300 għas-sena 2022, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab trasferiment intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Anzjan tal-ICT jinkludu:

The post is an excellent career opportunity for prospective candidates with an academic background in Statistics, Mathematics, and/or Information Technology.

1.2 The incumbent will be working within a team which is responsible for stability, integrity, and efficient operation of corporate IT infrastructure. The responsibilities of the incumbent shall include but are not limited to overseeing the efficient operation of NSO's software, servers, network and hardware.

1.3 Besides the necessary technical knowhow, the successful candidate must have an excellent level of interpersonal and communication skills, in-depth knowledge of computer systems, architectures, and Database Management System (DBMS), experience with databases, networks (LAN, WAN) and patch management, and knowledge of computer system security procedures (e.g. intrusion detection systems) and data backup/recovery.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of Senior ICT Officer falls within Salary Scale 2 with a salary commencing at € 28,300 for the year 2022, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family-friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

The duties of a Senior ICT Officer include:

Il-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT tal-organizzazzjoni, partikolarment is-servers u l-infrastruttura tan-network;

Maintaining the IT infrastructure of the organisation, particularly the servers and the network infrastructure;

L-implimentazzjoni, l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-monitoraġġ, is-soluzzjoni tal-problemi u l-evalwazzjoni ta' hardware u software, kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk ġodda;

Implementing, installing, configuring, monitoring, troubleshooting and evaluating existing and new hardware and software;

L-istabbiliment u d-dokumentazzjoni ta' proċeduri ta' rutina relatati mal-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT;

Establishing and documenting routine procedures related to the upkeep of the IT infrastructure;

Is-sorveljanza tal-funzjoni ta' appoġġ tal-IT, u jiżgura li tissodisfa r-rekwiżiti tal-NSO f'kull ħin;

Supervising the IT support function, ensuring that it meets the NSO's requirements at all times;

L-assigurazzjoni li s-sistemi u s-servizzi tal-IT kollha jikkonformaw mar-regoli u l-proċeduri tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-NSO, partikolarment fir-rigward tal-kontroll tal-aċċess u l-ġestjoni tal-bidla;

Ensuring that all IT systems and services comply with the NSO's information security policies and procedures, particularly with respect to access control and change management;

Sorveljanza tal-prestazzjoni u r-riżorsi tas-sistema, filwaqt li jieħu azzjoni korrettiva kif meħtieġ;

Monitoring system performance and resources, taking corrective action as necessary;

It-twettiq ta' Health Checks regolari tas-sistema sabiex tiġi żgurata s-sigurtà xierqa (inklużi l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà) tas-sistemi kollha;

Conducting regular System Health Checks to ensure the proper security (including confidentiality, integrity and availability) of all systems;

It-twaqqif u l-ottimizzazzjoni ta' proċeduri ta' back-up għas-servizzi kollha tal-IT, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-NSO;

Setting up and optimising back-up procedures for all IT services, in line with the NSO's information security policies and procedures;

L-amministrazzjoni u l-assigurazzjoni tat-tħaddim bla xkiel tad-DBMS;

Administering and ensuring the smooth running of the DBMS;

Ġestjoni tal-proċess tas-soluzzjoni (troubleshooting) tal-problemi u tal-inċidenti;

Managing the vendors in the process of troubleshooting escalated incidents;

Il-kordinazzjoni u l-manutenzjoni tal-inventarju tal-assi tal-IT (eż. hardware, konnessjonijiet tan-network, liċenzji tas-software) f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tal-NSO;

Coordinating the maintenance of the IT Asset inventory (e.g. hardware, network connections, software licences) in line with the NSO's policies and procedures;

Li jżomm ruħu aġġornat ma' żviluppi rilevanti f'postijiet oħra fi ħdan l-NSO, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' livelli oħra ta' appoġġ intern jew estern, u jżomm kuntatt mill-qrib ma' fornituri tas-servizzi speċjalizzati interni jew esterni;

Keeping abreast of relevant developments elsewhere within the NSO, particularly as they relate to other internal or external support levels and maintain close contact with specialist internal or external service providers;

L-involviment f'taħriġ rilevanti u titjib personali;

Engaging in relevant training and self-improvement;

Twettiq kwalunkwe ta' dmir ieħor relatat kif assenjat mis-superjuri.

Undertaking any other related duties as assigned by superiors.

Rekwiżiti

Eligibility Requirements

5.0 Applikanti għal dan ix-xogħol għandu jkollhom:

Applicants for this post must:

Ċertifikat fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġett rilevanti fil-qasam kif ukoll sitt (6) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

JEW

Ċertifikat fil-Livell 7 tal-MQF f'suġġett rilevanti fil-qasam kif ukoll tliet (3) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

JEW

Ċertifikat fil-Livell 8 tal-MQF f'suġġett rilevanti fil-qasam kif ukoll sena (1), jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar 6 xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

Sottomissjoni tad-Dokumenti Mitluba

6.0 Applikanti jistgħu jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati, kif ukoll il-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-dejta mibgħuta lill-Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettronika sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) sal-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022, fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal Anzjan tal-ICT (Permess numru 377910)'.

6.1 L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sotomessi wkoll billi timtela l-applikazzjoni online mill-ħolqa (https://forms.gle/H4HfmHcYTGipJb1f8).

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-dejta tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

6.6 Hija responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-Bord tal-Għażla.

Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 in a relevant subject area together with six (6) years, or equivalent, of relevant experience;

OR

Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 7 or higher in a relevant subject area together with three (3) years, or equivalent, of relevant experience;

OR

Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 8 or higher in a relevant subject area together with one (1) year, or equivalent, of relevant experience;

Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants can send a letter of application, curriculum vitae (cv), copies of qualification certificates and transcript of results and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (Central European Time) of Friday 21st January, 2022, to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Senior ICT Officer (Jobsplus Permit number 377910)'.

6.1 Applications can also be electronically submitted by filling in the online application from the link (https://forms.gle/H4HfmHcYTGipJb1f8).

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eleġibbli jiġu evalwati minn bord tal-għażla sabiex jiddetermina humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Other: Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

7th January, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Project/Team Leader

Permess tal-Jobsplus 489/2016

MITA qed tfittex li timpjega persuna motivata u enerġetika b'kompetenzi u kwalitajiet ta' tmexxija biex tingħaqad ma' wieħed mit-timijiet tal-proġetti tal-MITA.

Il-Project Leader se jmexxi u jissorvelja t-twassil ta' proġetti ta' konsulenza tal-ICT fi żmien stipulat, fil-baġit u skont standards applikabbli. Ir-rwol jitlob l-analiżi tal-bżonnijiet, u l-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi u tal-intrapriża, u dokumentazzjoni oħra li tissodisfa l-bżonnijiet ta' konsulenza tal-ICT tal-klijent skont l-obbligazzjonijiet kuntrattwali. Fejn neċessarju, il-Project Leader jitkellem ma' fornituri esterni u dipartimenti oħra tal-MITA.

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom waħda minn dawn il-kwalifiki u/jew esperjenzi f'qasam relatat mal-ICT:

i) Degree fl-ICT (Livell ta' MQF 7 jew ogħla); JEW

ii) Degree fl-ICT (Livell ta' MQF 6) U sena esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

iii) Diploma fl-ICT (Livell ta' MQF 5) U tliet snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

iv) Diploma fl-ICT (Livell ta' MQF 4) U erba' snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

v) Ħames snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

Is-7 ta' Jannar, 2021

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Project/Team Leader

Jobsplus Permit 489/2016

MITA is seeking to employ a motivated and energetic person with leadership skills and qualities to join one of MITA's project teams.

The Project Leader shall lead and supervise the delivery of ICT consultancy projects within established deadline, budget and according to applicable standards. The role entails the analysis of requirements, and the formulation of technical and business recommendations and other documentation to satisfy the client's ICT Consultancy requirements as per contractual obligations. Where necessary, the Project Leader shall liaise with external suppliers and other MITA departments.

Eligible candidates must hold either of the following qualifications and/or experience in an ICT related area:

i) A qualification (MQF Level 7 OR higher); OR

ii) A qualification (MQF Level 6) and an additional one year experience; OR

iii) A qualification (MQF Level 5) and an additional three years' experience; OR

iv) A qualification (MQF Level 4) and an additional four years' experience; OR

v) Five years' experience in a related area.

Il-kwalifiki, esperjenza u kompetenzi tal-kandidati se jiġu evalwati skont il-qafas tal-Career Progression tal-Aġenzija. Il-kandidati magħżulin jistgħu jiġu ingaġġati jew f'Livell Standard – Livell ta' Karriera 4, jew Livell Senior – Livell ta' Karriera 5.

CV dettaljata, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni u l-isem ta' żewġ referenzi u l-indirizz elettroniku tagħhom għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

Is-7 ta' Jannar, 2022

KUNSILL LOKALI QRENDI

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali l-Qrendi jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv:

1. Segretarji Eżekuttivi u Aġenti Segretarji Eżekuttivi tal-kunsilli lokali u kunsilli reġjonali fil-kariga;

2. Persuni li jkunu fil-lista kurrenti ta' dawk li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi;

3. Uffiċjali Pubbliċi, impjegati fis-Settur Pubbliku, impjeġati tal-RSSL, impjegati fil-kunsilli lokali u persuni mill-pubbliku inġenerali li:

(i) Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża,

(ii) Ikollhom mill-inqas kwalifika tal-MQF Livell 5 (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fil-Management jew Public Policy, jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti, jew

(iii) Jekk ma jkollhomx kwalifika rilevanti tal-MQF Livell 5, ikollhom mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ppruvati ta' xogħol fil-kapaċità ta' management. L-applikanti għandhom ikunu kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti,

jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf) u indirizzata lil:

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Standard Level – Career Level 4, or the Senior Level – Career Level 5.

A detailed CV, together with a covering email and the names of two referees and their email addresses are to be sent by not later than Wednesday, 19th January, 2022, to (careers.mita@gov.mt).

7th January, 2022

QRENDI LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Qrendi Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons to fill the Post of Executive Secretary:

1. Executive Secretaries and Acting Executive Secretaries serving within local councils and regional councils;

2. Persons who are listed in the current list of qualified Prospective Executive Secretaries;

3. Public officers, Public Sector Employees, RSSL employees, local council employees and members of the general public who are:

(i) Proficient in the Maltese and English languages,

(ii) In possession of at least an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Management or Public Policy, or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience, or

(iii) If not possessing a relevant MQF Level 5 qualification, should have at least five (5) years proven work experience in a middle management capacity. Applicants should be confirmed in their present or previous grade,

may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf) and addressed to:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali l-Qrendi
7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi QRD 1103

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġġillat sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Jannar, 2022

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Qrendi Local Council
7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Friday, 21st January, 2022.

Late applications will not be considered.

7th January, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv:

1. Segretarji eżekuttivi u Aġenti Segretarji Ezekuttivi tal-kunsilli lokali u kunsilli reġjonali fil-kariga,

2. Persuni li jkunu fil-lista kurrenti ta' dawk li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi,

3. Uffiċjali Pubbliċi, impjegati fis-Settur Pubbliku, impjeġati tal-RSSL, impjegati fil-kunsilli lokali u persuni mill-pubbliku inġenerali li:

(i) Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(ii) Ikollhom mill-inqas kwalifika tal-MQF Livell 5 (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fil-Management jew Public Policy, jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(iii) Jekk ma jkollhomx kwalifika rilevanti tal-MQF Livell 5, ikollhom mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ppruvati ta' xogħol fil-kapaċità ta' management. L-applikanti għandhom ikunu kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom jew f'ħatra preċedenti,

jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/mt/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) u indirizzata lil:

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Santa Luċija Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons to fill the Post of Executive Secretary:

1. Executive Secretaries and Acting Executive Secretaries serving within local councils and regional councils,

2. Persons who are listed in the current list of qualified Prospective Executive Secretaries,

3. Public officers, Public Sector employees, RSSL employees, local council employees and members of the general public who are:

(i) Proficient in the Maltese and English languages;

(ii) in possession of at least an MQF Level 5 qualification (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Management or Public Policy, or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience; or

(iii) if not possessing a relevant MQF Level 5 qualification, should have at least five (5) years proven work experience in a middle management capacity. Applicants should be confirmed in their present or previous grade,

may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) and addressed to:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali Santa Luċija
4/5, Binja Tal-Faqqani
Trejqet il-Ġirasol
Santa Luċija

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Is-7 ta' Jannar, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Jannar, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, l-10, it-Tlieta, il-11 u l-Erbgħa, it-12 ta' Jannar, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Jannar, 2022

The Mayor
(Executive Secretary Vacancy)
Santa Luċija Local Council
4/5, Binja Tal-Faqqani
Trejqet il-Ġirasol
Santa Luċija

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Friday, 21st January, 2022.

Late applications will not be considered.

7th January, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th January, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Monday, 10th, Tuesday, 11th and Wednesday, 12th January, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th January, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Jannar, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Ħad-Dingli.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th January, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, l-10, it-Tlieta, il-11 u l-Erbgħa, it-12 ta' Jannar, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Jannar, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Monday, 10th, Tuesday, 11th and Wednesday, 12th January, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Ħad-Dingli.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th January, 2022

JOBSPLUS

Lista ta' sejħiet għal offerti u kwotazzjonijiet (mill-Ministerial Procurement Unit/Sectoral Procurement Directorate) mogħtija skont ir-Regolament 111 (2) tal-S.L. 601.03 tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, bejn l-1 ta' Lulju, 2021 sal-31 ta' Diċembru, 2021. L-ebda wieħed mill-Kuntratti mniżżla hawn isfel ma jaqbeż il-valur tal-kuntratt mogħti b'iktar minn ħamsa fil-mija (5%).

Is-7 ta' Jannar, 2022

JOBSPLUS

In terms of Regulation 111 (2) of S.L. 601.03 of the Public Procurement Regulations, Jobsplus awarded the following call for tenders and quotations (through the Ministerial Procurement Unit/Sectoral Procurement Directorate) between 1st July, 2021 and 31st December, 2021. None of the Contracts listed below exceeded the awarded contract value by more than five (5%) per cent.

7th January, 2022

Offerti/*Tenders*

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Tip *Type*	Titlu tal-Kuntratt *Contract Title*	Valur tal-Kuntratt Oriġinali (VAT eskluża) *Original Contract Value (excluding VAT)*	Data tal-Għotja *Award Date*	Żmien *Duration*	Kuntrattur *Contractor*
CT2005/2021	service	Tender for the Provision of Security Services at Jobsplus Premises	€175,908.81	30/09/2021	Thirty-Six (36) months with the possibiity to extend by a further 1 year	Protection Services Malta Ltd; Executive Security Services; Signal 8 Security Services Malta Ltd
CT2108/2021	service	Tender for the Administration of the Community Work Scheme including Training Services	€109,209,028.32	31/08/2021	Eighty-Four (84) months	CWS Consort
Jobsplus/ CA/01A/2021	supply	Concession for the Provision of twelve (12) vending machines for Jobsplus obo social committee	€3,480	20/09/2021	Twelve (12) months with the possibility to extend by a further year	Multivend Services Ltd

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Tip *Type*	Titlu tal-Kuntratt *Contract Title*	Valur tal-Kuntratt Oriġinali (VAT eskluża) *Original Contract Value (excluding VAT)*	Data tal-Għotja *Award Date*	Żmien *Duration*	Kuntrattur *Contractor*
JQ/CS/04/21	service	The Provision of Health and Safety Fire Drills for Jobsplus premises	€6,425.09	14/09/2021	Twenty-Seven (27) months wth the possibility to extend for a further year	International Safety Training College
JQ/CS/02B/21	service	Re-issue: The Provision of Staff Medical Services in Malta and Gozo	€9,178.50	23/08/2021	Thirty-six (36) months with the possibility to extend for another six (6) months	Medicare Services Limited
JQ/CS/03/21	supply	Hiring of Open Skips for the Collection and Disposal of Waste (Jobsplus)	€7,080	28/07/2021	Thirty-Six (36) Months	Steve Abela

Numru ta' Referenza	Tip	Titlu tal-Kuntratt	Valur tal-Kuntratt Oriġinali (VAT eskluża)	Data tal-Għotja	Żmien	Kuntrattur
Reference Number	*Type*	*Contract Title*	*Original Contract Value (excluding VAT)*	*Award Date*	*Duration*	*Contractor*
JQ/CS/05/21	Service	The Provision of Health and Safety Risk Assessment at Jobsplus Premises	€4,335	15/10/2021	Thirty-six (36) months with the possibility to extend for another twelve (12) months	Ame Health & Safety Services Ltd
JQ/ICT/08/21	Supply	The Supply and Delivery of Ten (10) brand new energy efficient laptops	€9,200	14/12/2021	One (1) time supply	Merlin Computers Ltd

JOBSPLUS

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Jobsplus (kif approvat mis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u/jew il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol bejn bejn l-1 ta' Lulju, 2021 sal-31 ta' Diċembru, 2021, skont ir-Regolament 111 (2) tal-S.L. 601.03 tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi.

Is-7 ta' Jannar, 2022

Numru ta' Referenza	Natura tal-Kuntratt	Kuntrattur	Data tal-Approvazzjoni mill-MFIN/PS MEDE	Valur tal-Kuntratt (VAT eskluża)	Żmien
Reference Number	*Nature of Contract*	*Contractor*	*Date of Approval by MFIN/PS MEDE*	*Contract Value (Excl. VAT – euro)*	*Duration*
B09/2021	Request for a Direct Order for the Design and Filming services	Antilia Ltd	6/08/2021	€6,500	One (1) month
DO/12/21	Request for a DO for the purchase of 20 laptops from eWorld	eWorld	06/07/2021	€13,180	One (1) time supply
DO/13/21	Request for a DO for an extension in connection with the purchase of the services of a Job Matching system from VDAB/Elise	VDAB	01/07/2021 – in principle	€33,898.31	Twelve (12) months
DO/14/21	Request for the continuation of Cleaning Services at Jobsplus premises and outposts including additional cleaning personnel due to Covid-19 protocols being taken for clients visiting Jobsplus Offices	Floorpul Co. Ltd	26/07/2021	€37,213.02	Three (3) months

JOBSPLUS

List of Direct Orders awarded by Jobsplus (as approved by the Permanent Secretary, Ministry for Education and/or the Ministry for Finance and Employment) between 1st July, 2021 and 31st December, 2021, in terms of Regulation 111 (2) of S.L. 601.03 of the Public Procurement Regulations.

7th January, 2022

Numru ta' Referenza	Natura tal-Kuntratt	Kuntrattur	Data tal-Approvazzjoni mill-MFIN/PS MEDE	Valur tal-Kuntratt (VAT eskluża)	Żmien
Reference Number	*Nature of Contract*	*Contractor*	*Date of Approval by MFIN/PS MEDE*	*Contract Value (Excl. VAT – euro)*	*Duration*
DO/15/21	Request for the continuation of Security Services at Jobsplus premises and outposts including additional security personnel due to Covid-19 protocols being taken for clients visiting Jobsplus Offices	Signal 8 Security Services Malta Ltd	05/08/2021	€19,300	Two (2) months up to a maximum of 2000hrs until the new tender is awarded
B010/2021	Request for the provision of Security Services at Jobsplus premises including additional security personnel due to Covid-19 protocols being taken for clients visiting Jobsplus Offices	Signal 8 Security Services Malta Ltd	14/12/2021	€6,494.45	673 (six hundred and seventy-three) hours
B011/2021	Request for the provision of Security Services at Jobsplus premises including additional security personnel due to Covid-19 protocols being taken for clients visiting Jobsplus Offices	Signal 8 Security Services Malta Ltd	14/12/2021	€5,992.65	621 (six hundred and twenty-one) hours
DO/16/2021	Request to go for a DO for a Service Level Agreement for Datacentre Equipment	Innovate International Ltd	18/10/2021	€41,874.75	Thirty-Six (36) months
DO/17/2021	Request for the provision of Cleaning Services at Jobsplus premises, including additional cleaning personnel due to Covid-19 protocols being taken for clients visiting Jobsplus premises	Floorpul Co. Ltd	26/10/2021	€88,234.36	Six (6) months or until a new tender is awarded
DO/18/2021	Request to go for a Direct Order for Administration Services	Mr Charles Agius	24/11/2021	€21,777.60	Twelve (12) months
B012/2021	Request for a DO to replace the ceiling of the toilets, the rooms and corridor situated in the 1st floor of the Employment Block	Jurgen Cassar	14/12/2021	€8,884.22	One (1) time work

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352 tal-2016), l-Uffiċċju tal-Kummissjaru tat-Taxxi u skont u għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04 ta l-approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Carmelo Said Formosa għall-provvediment

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (L.N. 352 of 2016), the Office for the Commissioner for Revenue in terms and for the purposes of the Public Procurement regulations, Subsidiary Legislation 174.04 is granting approval to the Commissioner for Revenue within the Ministry for Finance and Employment to enter into a contract for service with Mr Carmelo Said Formosa for the

tal-appoġġ u assistenza relatata mal-interpretazzjoni u implimentazzjoni tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u Atti dwar it-Taxxa għal perjodu ta' 12-il xahar li jibdew mit-22 ta' Novembru, 2021 sal-21 ta' Novembru, 2022, jaħdem 16-il siegħa fil-ġimgħa mħallsa b'rata ta' €20.03 VAT eskluża fis-siegħa għall-prezz ta' €16,664.96 VAT eskluża.

Is-7 ta' Jannar, 2022

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352 tal-2016), l-Uffiċċju tal-Kummissjaru tat-Taxxi u skont u għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04 ta l-approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Steve Martin għall-provvediment ta' servizz bħala skrivan b'applikazzjonijiet ta' vetting u proċessar ta' remissjonijiet kif ukoll talbiet għat-taxxi u kwalunkwe dmirijiet klerikali oħra għal perjodu ta' 12-il xahar li jibdew mill-15 ta' Diċembru, 2021 sal-14 ta' Diċembru, 2022, jaħdem 25 siegħa fil-ġimgħa mħallsa b'rata ta' €9.50 VAT eskluża fis-siegħa għall-prezz ta' €12,350.00 VAT eskluża.

Is-7 ta' Jannar, 2022

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352 tal-2016), l-Uffiċċju tal-Kummissjaru tat-Taxxi u skont u għall-finijiet tar- Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04 ta l-approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Anton Borg għall-provvediment ta' servizz bħala skrivan billi jassisti l-Bord ta' Remissjoni għal penali ta' filings li jsiru tard, xogħol ta' kuljum tal-Bord u aġġornament tad-database tar-remissjonijiet tat-taxpayers għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda mit-2 ta' Diċembru, 2021 sal-1 ta' Diċembru, 2022, jaħdem 35 siegħa fil-ġimgħa, imħallsa b'rata ta' €10.50 fis-siegħa eskluża l-VAT għall-prezz ta' €19,110.00 eskluża l-VAT.

Is-7 ta' Jannar, 2022

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352 tal-2016), l-Uffiċċju tal-Kummissjaru tat-Taxxi u skont u għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 174.04 ta l-approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-

provision of support and assistance relating to the interpretation and implementation of the Duty on Documents and Transfers Act, Value Added Tax Act and Income Tax Acts for a period of 12 months starting from 22nd November, 2021 up to 21st November, 2022, working 16 hours per week paid at the rate of €20.03 excluding VAT per hour for the cost of €16,664.96 excluding VAT.

7th January, 2022

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (L.N. 352 of 2016), the Office for the Commissioner for Revenue in terms and for the purposes of the Public Procurement regulations, Subsidiary Legislation 174.04 is granting approval to the Commissioner for Revenue within the Ministry for Finance and Employment to enter into a contract for service with Mr Steve Martin for the provision of service as a clerk by vetting and processing of remissions applications as well as tax claims and any other clerical duties for a period of 12 months starting from 15th December, 2021 up to 14th December, 2022, working 25 hours per week paid at the rate of €9.50 excluding VAT per hour for the cost of €12,350.00 excluding VAT.

7th January, 2022

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (L.N. 352 of 2016), the Office for the Commissioner for Revenue in terms and for the purposes of the Public Procurement regulations, Subsidiary Legislation 174.04 is granting approval to the Commissioner for Revenue within the Ministry for Finance and Employment to enter into a contract for service with Mr Anton Borg for the provision of service as a clerk by assisting the Board of Remission for late filing penalties, day to day business of Board and updating database of taxpayers remissions for a period of 12 months starting from 2nd December, 2021 up to 1st December, 2022, working 35 hours per week, paid at the rate of €10.50 excluding VAT per hour for the cost of €19,110.00 excluding VAT.

7th January, 2022

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (L.N. 352 of 2016), the Office for the Commissioner for Revenue in terms and for the purposes of the Public Procurement regulations, Subsidiary Legislation 174.04 is granting approval to the Commissioner for Revenue

Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Noel Bartolo, KI Nru. 855553M, għall-provvediment ta' servizz bħala Keeper of Monte di Pietà għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-11 ta' Diċembru, 2021 sal-10 ta' Diċembru, 2022, jaħdem 20 siegħa fil-ġimgħa, imħallsa b'rata ta' €12.50 fis-siegħa eskluża l-VAT għall-prezz ta' €13,000.00 eskluża l-VAT.

Is-7 ta' Jannar, 2022

DIPARTIMENT TAT-TEŻOR

Skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi 2016 (A.L. 352 tal-2016), id-direct orders li ġejjin ġew mogħtija mid-Dipartiment tat-Teżor fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol għal kuntratt ta' servizz ma':

Agius and Associates – rappreżentata minn Daniel Agius, biex jassistu fl-appoġġ u tmexxija tal-implimentazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution, fażi 2, għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mit-18 ta' Novembru, 2021 sas-17 ta' Mejju, 2022, għall-prezz li ma jaqbiżx €41,600 VAT eskluż.

Alecta Advisors – rappreżentata minn Nicole Aloisio, biex jassistu fl-appoġġ u tmexxija tal-implimentazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution, fażi 2, għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mit-18 ta' Novembru, 2021 sas-17 ta' Mejju, 2022, għall-prezz li ma jaqbiżx €41,600 VAT eskluż.

Dr Josette Caruana biex tassisti fl-appoġġ u tmexxija tal-implimentazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution, fażi 2, għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mit-18 ta' Novembru, 2021 sas-17 ta' Mejju, 2022, għall-prezz li ma jaqbiżx €20,800 VAT eskluż.

Alan Fava biex jassisti fl-appoġġ u tmexxija tal-implimentazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution, fażi 2, għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mit-18 ta' Novembru, 2021 sas-17 ta' Mejju, 2022, għall-prezz li ma jaqbiżx €31,200 VAT eskluż.

Anita Aloisio għall-implimentazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution, fażi 2, għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda mit-23 ta' Ottubru, 2021 sat-22 ta' Ottubru, 2022, għall-prezz massimu ta' €62,400 kull sena VAT eskluż.

Is-7 ta' Jannar, 2022

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

within the Ministry for Finance and Employment to enter into a contract for service with Mr Noel Bartolo, ID No. 855553M, for the provision of service as Keeper of Monte di Pietà for a period of 12 months starting from 11th December, 2021 up to 10th December, 2022, working 20 hours per week, paid at the rate of €12.50 excluding VAT per hour for the cost of €13,000.00 excluding VAT.

7th January, 2022

TREASURY DEPARTMENT

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016, the following direct orders were renewed by Treasury Department within the Ministry for Finance and Employment for a contract for service with:

Agius and Associates – represented by Daniel Agius, to assist in the support and spearheading of the implementation of the Corporate Financial Management Solution, phase 2, for a period of 6 months starting 18th November, 2021 up to 17th May, 2022, for the cost not exceeding €41,600 VAT excluded.

Alecta Advisors – represented by Nicole Aloisio, to assist in the support and spearheading of the implementation of the Corporate Financial Management Solution, phase 2, for a period of 6 months starting 18th November, 2021 up to 17th May, 2022, for the cost not exceeding €41,600 VAT excluded.

Dr Josette Caruana to assist in the support and spearheading of the implementation of the Corporate Financial Management Solution, phase 2, for a period of 6 months starting 18th November, 2021 up to 17th May,2022, for the cost not exceeding €20,800 VAT excluded.

Alan Fava to assist in the support and spearheading of the implementation of the Corporate Financial Management Solution, phase 2, for a period of 6 months starting 18th November, 2021 up to 17th May, 2022, for the cost not exceeding €31,200 VAT excluded.

Anita Aloisio for the implementation of the Corporate Financial Management Solution, phase 2, for a period of 12 months starting 23rd October, 2021 up to 22nd October, 2022, for the cost not exceeding €62,400 VAT excluded.

7th January, 2022

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 10 ta' Jannar, 2022, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/28/2021. Provvista u konsenja ta' stopcock gunmetal square head 63mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022, għal:

Avviż Nru. WSC/T/152/2021. Xogħlijiet – bażi ta' ftehim għall-eżekuzzjoni ta' minor pipe u xogħlijiet tat-toroq għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma f'Għawdex.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-7 ta' Jannar, 2022

Up to 9.30 a.m. on Monday, 10th January, 2022, for:

Quot No. WSC/Q/28/2021. Supply and delivery of stopcock gunmetal square head 63mm for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 19th January, 2022, for:

Advt. No. WSC/T/152/2021. Works – framework agreement for the execution of minor pipe and road works for the Water Services Corporation in Gozo.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

7th January, 2022

UFFIĊĊJU ELETTORALI

Espressjoni ta' Interess

L-Uffiċċju Elettorali jgħarraf il-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess (ETI) għal servizzi ta' konsulent legali għall-Address Management Unit (AMU). Din l-ETI tista' titniżżel mis-sezzjoni tal-Pubblikazzjonijiet tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni Elettorali (www.electoral.gov.mt).

L-informazzjoni u l-materjal mitluba f'din l-ETI għandhom jitwasslu lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali bl-idejn f'envelop issiġillat għand l-Address Management Unit, Triq Ġużè Gatt, A29, Qasam Industrijali tal-Marsa, Il-Marsa, jew permezz ta' ittra elettronika lil (amu.electoral@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar, ħin lokali, tal-Ġimgħa, it-28 ta' Jannar, 2022.

